

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Ottubru 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2007/554/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5284)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/709/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

huwa ppruvat effettiv fl-inattivazzjoni tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li possibbilment ikun fihom.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(3) Permezz ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2007/664/KE l-Kummissjoni stipulat ir-regoli għad-dispaċċ ta' ċerti kategoriji ta' laħam minn ċerti żoni elenkati fl-Anness III addizzjonali fejn ma ġewx irreġistrati tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għallinqas għal 90 jum qabel il-qtil u li jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet speċifikati.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intrakomunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

(4) Fuq il-bażi tat-tagħrif mogħti mir-Renju Unit, issa huwa mument xieraq, aktar minn perjodu ta' inkubazzjoni wara l-aħħar tifqigħa kkonfermata, sabiex jitneħħew b'mod ulterjuri ċerti restrizzjonijiet applikati fuq il-laħam u s-semen, l-ova u l-embrijuni, prodotti minn animali li kienu residenti f'żoni li ma esperjenzawx tifqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fl-2007.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u zootekniki applikabbli għall-kummerċ intrakomunitarju ta' ċerti animali haġġin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(5) Minkejja dan, fid-dawl tal-qagħda epidemjoloġika fir-Renju Unit u r-reġjonalizzazzjoni tiegħu, u jekk jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-kondizzjonijiet għall-irkupru ta' status ta' hlsien mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, jeħtieġ li d-Deċiżjoni 2007/554/KE tiġi estiża sal-15 ta' Diċembru 2007.

(1) Wara t-tifqigħat reċenti tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fil-Gran Brittanja, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/554/KE tad-9 ta' Awissu 2007 rigward ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit<sup>(3)</sup> biex jissaħħu l-miżuri ta' kontroll kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer meħudin minn dak l-Istat Membru fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer<sup>(4)</sup>.

(6) Għalhekk id-Deċiżjoni 2007/554/KE għandha tiġi emendata skond dan.

(2) Id-Deċiżjoni 2007/554/KE tistipula regoli applikabbli għad-dispaċċ minn żoni b'riskju għoli u baxx fil-Gran Brittanja ta' prodotti kkunsidrati sikuri li jew ġew prodotti qabel ma daħlu fis-seħħ ir-restrizzjonijiet fir-Renju Unit, minn materja prima li nkisbet barra minn dawn iż-żoni ristretti, inkella li sarilhom trattament li

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2007/554/KE hija emendata kif ġej:

(1) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33); verżjoni kkoreġuta (ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).

(2) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

(3) ĠU L 210, 10.8.2007, p. 36. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni 2007/664/KE (ĠU L 270, 13.10.2007, p. 21).

(4) ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għal laħmijiet li jkollhom l-marka tas-saħħa skond il-Kapitolu III tat-Taqsimi I ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, sakemm:

- (a) il-laħam ikun identifikat b'mod ċar, u jkun ġie trasportat u jkun inħażen mid-data tal-produzzjoni separatament minn laħam mhux eliġibbli, skond din id-Deċiżjoni, għad-dispaċċ barra ż-żoni elenkati fl-Anness I;
- (b) il-laħam ikun konformi ma' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (i) ikun inkiseb qabel il-15 ta' Lulju 2007; jew
- (ii) ikun inkiseb minn annimali mrobbija għallinqas għal 90 jum qabel id-data tal-qatla u maqtula; jew fil-każ ta' laħam miksub minn speċi selvaġġi tal-kaċċa suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ('speċi selvaġġi tal-kaċċa') maqtula, barra miż-żoni elenkati fl-Anness I u II; jew
- (iii) ikun konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (c), (d) u (e);
- (c) il-laħam ikun inkiseb minn unġulati domestiċi jew minn speċi mrobbija tal-kaċċa suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ('speċi mrobbija tal-kaċċa'), kif speċifikat għall-kategorija rispettiva ta' laħam fil-kolonna xierqa mill-kolonni 4 sa 7, fl-Anness III, u jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (i) l-annimali jkunu trabbew għallinqas għal 90 jum qabel id-data tal-qatla fuq azzjendi li jinsabu fiż-żoni speċifikati fil-kolonni 1, 2 u 3 ta' l-Anness III, fejn ma kienx hemm tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għallinqas f'dak il-perjodu;
- (ii) matul il-21 jum qabel id-data tat-trasport mill-biċċerija, jew fil-każ ta' speċi mrobbija tal-kaċċa qabel id-data tal-qtil fl-azzjenda stess, l-annimali nżammu taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet veterinarji kompetenti fuq stabbiliment wieħed li jkun jinsab fiċ-ċentru ta' ċirku madwar l-istabbiliment b'raġġ ta' għallinqas 10 km, fejn ma kienx hemm tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, għallinqas matul 30 jum qabel id-data ta' tagħbija;
- (iii) ebda annimal ta' speċi suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma ddaħħal fl-azzjenda msemmija fil-punt (ii) matul il-21 jum qabel id-data tat-tagħbija, jew fil-każ ta' speċi mrobbija għall-kaċċa, qabel id-data tal-qtil fl-istabbiliment stess, ħlief fil-każ ta' ħnieżer li jkunu ġejjin minn stabbiliment tal-provvista li jkun konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (ii), f'liema każ, il-perjodu ta' 21 jum jista' jitnaqqas għal 7 ijiem;
- Minkejja dan, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-introduzzjoni fl-azzjenda msemmija fil-punt (ii) ta' annimali ta' speċi suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (i) u (ii) u li
- ġejjin minn azzjenda fejn l-ebda annimal ta' speċi suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma ddaħħal matul il-21 jum qabel id-data ta' trasport fl-istabbiliment imsemmi fil-punt (ii), ħlief fil-każ ta' ħnieżer li jkunu ġejjin minn stabbiliment tal-provvista li fil-każ tiegħu l-perjodu ta' 21 jum jista' jitnaqqas għal 7 ijiem; jew
- kienu soġġetti b'riżultati negattivi għal test għall-antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer mwettaq fuq kampjun tad-demem li ttieħed fi żmien 10 ijiem qabel id-data ta' trasport lejn l-azzjenda msemmija fil-punt (ii); jew
- ġejjin minn azzjenda li kienet soġġetta b'riżultati negattivi għal servej seroloġiku skond il-protokoll tat-teħid ta' kampjuni adattat sabiex jiżvela 5 % prevalenza tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer b'mill-inqas 95 % livell ta' kunfidenza;
- (iv) l-annimali jew, fil-każ ta' speċi mrobbija għall-kaċċa maqtula fl-azzjenda, il-karkassi jkunu ġew ittrasportati taħt kontroll uffiċjali f'mezzi tat-trasport li jkunu tnaddfu u ġew diżinfettati qabel it-tagħbija mill-istabbiliment imsemmi fil-punt (ii) direttament lejn il-biċċerija magħżula;
- (v) l-annimali jkunu nqatlu inqas minn 24 siegħa wara l-ħin tal-wasla fil-biċċerija u separatament minn annimali li l-laħam tagħhom mhux eliġibbli għad-dispaċċ miż-żona elenkata fl-Anness I;
- (d) il-laħam, jekk ikun immarkat pożittivament fil-kolonna 8 ta' l-Anness III, li jkun miksub minn speċi selvaġġi tal-kaċċa li nqatlu f'żoni fejn ma kienx hemm tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għallinqas għal perjodu ta' 90 jum qabel id-data tal-qtil u f'distanza ta' għallinqas 20 km minn żoni mhux speċifikati fil-kolonni 1, 2 u 3 ta' l-Anness III;
- (e) laħam imsemmi fil-punti (c) u (d) għandu jikkonforma wkoll mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (i) id-dispaċċ ta' laħam tali għandu jkun biss awtorizzat mill-awtorità veterinarja tar-Renju Unit, jekk

- l-annimali msemmija fil-punt (c)(iv) ġew ittrasportati lejn l-istabbiliment mingħajr kuntatt ma' l-ażjendi li jinsabu f'żoni mhux speċifikati fil-kolonna 1, 2 u 3 ta' l-Anness III; kif ukoll
- l-istabbiliment ma jinsabx fil-kontea ta' Surrey;
- (ii) il-laħam ikun f'kull ħin identifikat b'mod ċar, u jkun imqandel, ittrasportat u maħżun separatament minn laħam li mhux eliġibbli għad-dispaċċ miż-żona elenkata fl-Anness I;
- (iii) fl-ispezzjoni *post-mortem* mill-veterinarju uffiċjali fl-istabbiliment tad-dispaċċ, jew fil-każ ta' qtil fl-istabbiliment stess imsemmi fil-punt (c)(ii), jew fil-każ ta' speċi selvaġġi tal-kaċċa, fl-istabbiliment fejn jiġu mqandla l-ispeċi tal-kaċċa, ma jkun għad stabiliti ebda sinjali kliniċi jew evidenza *post-mortem* tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;
- (iv) il-laħam ikun baqa' fl-istabbilimenti jew fl-ażjendi msemmija fil-punt (e)(iii) għallinqas għal 24 siegħa wara l-ispezzjoni *post-mortem* ta' l-annimali msemmija fil-punt (c) u (d);
- (v) kull preparazzjoni ulterjuri tal-laħam għad-dispaċċ barra ż-żona elenkata fl-Anness I għandha tiġi sospiża:
- fil-każ fejn il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer tkun ġiet djanjostikata fi stabbilimenti jew iżjendi msemmija fil-punt (e)(iii), sakemm jitlestew kompletament il-qatla ta' l-annimali kollha preżenti u t-tneħħija tal-laħam u l-annimali mejta kollha, u mhux qabel ma jkun għaddew 24 siegħa wara t-tlestija tat-tindif u d-dizinfekzjoni ta' dawk l-istabbilimenti u l-ażjendi taħt il-kontroll ta' veterinarju uffiċjali, u
- fil-każ ta' qatla fl-istess stabbiliment ta' annimali suxxettibbli għal marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li toriġina minn iżjendi fiż-żoni fl-Anness I li ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet stipulati fil-punt 4(c) jew (d), sakemm jitlestew kompletament il-qatla ta' l-annimali kollha preżenti u t-tneħħija tal-laħam u l-annimali mejta kollha taħt il-kontroll ta' veterinarju uffiċjali;
- (vi) l-awtoritajiet veterinarji ċentrali għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni
- lista ta' dawk l-istabbilimenti u l-ażjendi li jkun approvat għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tal-punti (c), (d) u (e)".
- (2) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:
- "2. Il-projbizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal:
- (a) semen, ova u embrijuni prodotti qabel il-15 ta' Lulju 2007;
- (b) semen u embrijuni ffriżati, semen iffriżat tal-porċina, u semen u embrijuni ffriżati tal-kapri importati fir-Renju Unit skond il-kondizzjonijiet stipulati fid-Direttivi 88/407/KEE, 89/556/KEE, 90/429/KEE jew 92/65/KEE rispettivament, u li, minn żmien l-introduzzjoni fir-Renju Unit, inħażnu u ġew ittrasportati separatament minn semen, ova u embrijuni li mhux eliġibbli għad-dispaċċ skond il-paragrafu 1;
- (c) semen u embrijuni ffriżati li nkisbu minn annimali bovini, porċini, ovini u kapri miżmuma mill-inqas 90 jum qabel id-data tal-ġabra u matulha fi ħdan iż-żoni speċifikati fil-kolonna 1, 2, u 3 ta' l-Anness III u li:
- (i) huma maħżuna f'kondizzjonijiet approvati għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel id-data ta' dispaċċ, u
- (ii) inġabru minn annimali donaturi li jinsabu f'ċentri jew iżjendi li ilhom ħielsa mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer mill-inqas tliet xhur qabel id-data ta' ġabra tas-semen u 30 jum wara d-data ta' ġabra u li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona ta' raġġ ta' 10 kilometri li fihom ma kien hemm l-ebda każ ta' marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 30 jum qabel id-data ta' ġabra.
- Qabel id-dispaċċ tas-semen imsemmi fil-punti (a), (b) u (c) l-awtoritajiet veterinarji ċentrali għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni lista ta' ċentri u timijiet approvati għall-għan ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu."
- (3) Fl-Artikolu 17, "15 ta' Novembru 2007" tinbidel bi "15 ta' Diċembru 2007".
- (4) L-Anness III jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għall-kummerċ biex iġibuhom konformi ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 31 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

## "L-ANNEX III

1	2	3	4	5	6	7	8
GRUPP	ADNS	Unità Amministrativa	B	S/G	P	FG	WG
Il-Gżejjer Skoċċiżi	131	Shetland Islands	+	+	+	+	+
	123	Orkney Islands	+	+	+	+	+
	124	NA H-Eileanan An Iar	+	+	+	+	+
L-Iskozja	121	Highland	+	+	+	+	
	122	Moray	+	+	+	+	
	126	Aberdeenshire	+	+	+	+	
	128	Aberdeen City	+	+	+	+	
	79	Angus	+	+	+	+	
	81	Dundee City	+	+	+	+	
	80	Clackmannanshire	+	+	+	+	
	90	Perth & Kinross	+	+	+	+	
	127	Fife	+	+	+	+	
	85	Falkirk	+	+	+	+	
	88	Midlothian	+	+	+	+	
	96	West Lothian	+	+	+	+	
	129	City of Edinburgh	+	+	+	+	
	130	East Lothian	+	+	+	+	
	92	Scottish Borders	+	+	+	+	
	94	Stirling	+	+	+	+	
	125	Argyll and Bute	+	+	+	+	
	83	East Dunbartonshire	+	+	+	+	
	84	East Renfrewshire	+	+	+	+	
	86	City of Glasgow	+	+	+	+	
	87	Inverclyde	+	+	+	+	
	89	North Lanarkshire	+	+	+	+	
	91	Renfrewshire	+	+	+	+	
93	South Lanarkshire	+	+	+	+		
95	West Dunbartonshire	+	+	+	+		
82	East Ayrshire	+	+	+	+		
132	North Ayrshire	+	+	+	+		
133	South Ayrshire	+	+	+	+		
134	Dumfries & Galloway	+	+	+	+		
L-Ingilterra	141	Cumbria	+	+	+	+	
	169	Northumberland	+	+	+	+	
	10	Gateshead	+	+	+	+	
	16	Newcastle upon Tyne	+	+	+	+	
	17	North Tyneside	+	+	+	+	
	26	South Tyneside	+	+	+	+	
	29	Sunderland	+	+	+	+	
	144	Durham	+	+	+	+	
	52	Darlington	+	+	+	+	
	55	Hartlepool	+	+	+	+	
	58	Middlesbrough	+	+	+	+	
	64	Redcar and Cleveland	+	+	+	+	
	69	Stockton-on-Tees	+	+	+	+	
	151	Lancashire	+	+	+	+	
	38	Blackburn with Darwen	+	+	+	+	
39	Blackpool	+	+	+	+		

1	2	3	4	5	6	7	8
GRUPP	ADNS	Unità Amministrattiva	B	S/G	P	FG	WG
	176	North Yorkshire minbarra Selby	+	+	+	+	
	177	Selby District	+	+	+	+	
	78	York	+	+	+	+	
	53	East Riding of Yorkshire	+	+	+	+	
	45	City of Kingston upon Hull	+	+	+	+	
	60	North East Lincolnshire	+	+	+	+	
	61	North Lincolnshire	+	+	+	+	
		West Yorkshire li tikkonsisti minn					
	32	Wakefield District	+	+	+	+	
	11	Kirklees District	+	+	+	+	
	6	Calderdale District	+	+	+	+	
	4	Bradford	+	+	+	+	
	13	Leeds	+	+	+	+	
		South Yorkshire li tikkonsisti minn					
	1	Barnsley District	+	+	+	+	
	8	Doncaster District	+	+	+	+	
	20	Rotherham District	+	+	+	+	
	24	Sheffield District	+	+	+	+	
		Greater Manchester li tikkonsisti minn					
	30	Tameside District	+	+	+	+	
	18	Oldham District	+	+	+	+	
	19	Rochdale District	+	+	+	+	
	5	Bury District	+	+	+	+	
	3	Bolton District	+	+	+	+	
	21	Salford District	+	+	+	+	
	31	Trafford District	+	+	+	+	
	15	Manchester District	+	+	+	+	
	27	Stockport District	+	+	+	+	
	34	Wigan District	+	+	+	+	
		Merseyside li tikkonsisti minn					
	12	Knowsley District	+	+	+	+	
	14	Liverpool District	+	+	+	+	
	23	Sefton District	+	+	+	+	
	28	St. Helens District	+	+	+	+	
	74	Warrington	+	+	+	+	
	140	Cheshire County	+	+	+	+	
	54	Halton	+	+	+	+	
	35	Wirral District	+	+	+	+	
	142	Derbyshire County	+	+	+	+	
	44	City of Derby	+	+	+	+	
	157	Nottinghamshire County	+	+	+	+	
	47	City of Nottingham	+	+	+	+	
	153	Lincolnshire	+	+	+	+	
	159	Shropshire	+	+	+	+	
	71	Telford and Wrekin	+	+	+	+	
	161	Staffordshire County	+	+	+	+	
	50	City of Stoke-on-Trent	+	+	+	+	
	170	Devon County	+	+	+	+	
	73	Torbay	+	+	+	+	
	136	Plymouth	+	+	+	+	
	171	Cornwall County	+	+	+	+	
	143	Dorset County	+	+	+	+	

1	2	3	4	5	6	7	8
GRUPP	ADNS	Unità Amministrativa	B	S/G	P	FG	WG
	62	Poole	+	+	+		
	40	Bournemouth	+	+	+		
	160	Somerset County	+	+	+		
	120	North Somerset	+	+	+		
	37	Bath and North East Somerset	+	+	+		
	43	City of Bristol	+	+	+		
	68	South Gloucestershire	+	+	+		
	51	Herefordshire County	+	+	+		
	167	Worcestershire County	+	+	+		
	9	Dudley District	+	+	+		
	2	Birmingham District	+	+	+		
	22	Sandwell District	+	+	+		
	36	Wolverhampton District	+	+	+		
	33	Walsall District	+	+	+		
	25	Solihull District	+	+	+		
	7	Coventry District	+	+	+		
	152	Leicestershire County	+	+	+		
	46	City of Leicester	+	+	+		
	65	Rutland	+	+	+		
	48	City of Peterborough	+	+	+		
	154	Norfolk County	+	+	+		
	162	Suffolk County	+	+	+		
	172	Isles of Scilly	+	+	+	+	
	114	Isle of Wight	+	+	+	+	
Wales	115	Sir Ynys Mon — Isle of Anglesey	+	+	+	+	
	116	Gwynedd	+	+	+	+	
	103	Conwy	+	+	+	+	
	108	Sir Ddinbych-Denbigshir	+	+	+	+	
	111	Sir Y Fflint-Flintshire	+	+	+	+	
	113	Wrecsam-Wrexham	+	+	+	+	
	173	North Powys	+	+	+	+	
	174	South Powys	+	+	+	+	
	118	Sir Ceredigion-Ceredigion	+	+	+	+	
	110	Sir Gaerfyrddin — Carmarthen	+	+	+	+	
	119	Sir Benfro-Pembrokeshire	+	+	+	+	
	97	Abertawe-Swansea	+	+	+	+	
	102	Castell-Nedd Port Talbot-Neath Port Talbot	+	+	+	+	
	105	Pen-y-Bont Ar Ogwr — Bridgend	+	+	+	+	
	107	Rhondda/Cynon/Taf	+	+	+	+	
	99	Bro Morgannwg-The Valee of Glamorgan	+	+	+	+	
	98	Bleanau Gwent	+	+	+	+	
	112	Tor-Faen – Tor Faen	+	+	+	+	
	101	Casnewydd — Newport	+	+	+	+	
	104	Merthyr Tudful-Merthyr Tydfil	+	+	+	+	

1	2	3	4	5	6	7	8
GRUPP	ADNS	Unità Amministrativa	B	S/G	P	FG	WG
	100	Caerffili — Caerphilly	+	+	+	+	
	117	Caerdydd — Cardiff	+	+	+	+	
	109	Sir Fynwy — Monmouthshire	+	+	+	+	

ADNS = Animal Disease Notification System Code (il-Kodiċi għan-Notifika tal-Mard ta' l-Annimali) (id-Deċiżjoni 2005/176/EC)

B = laħam tal-bovini

S/G = laħam tan-ngħaġ u l-mogħoż

P = pig meat (laħam tal-majjal)

FG = farmed game of species susceptible to foot-and-mouth disease (speċi mrobbija tal-kaċċa suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer)

WG = wild game of species susceptible to foot-and-mouth disease (speċi selvaġġi tal-kaċċa suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer)"